# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN
# AVVIŻI 29 TA' DIĊEMBRU 2019

**Kwaranturi**
It-Tnejn u t-Tlieta nkomplu bil-Kwaranturi – jiem ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. Nesponu s-Sagrament wara l-quddiesa tat-7.45am sa nofsinhar u mill-4.00pm sal-quddiesa tas-6.00pm. It-Tlieta, fil-11:00am adorazzjoni komunitarja animata mis-saċerdoti, reliġjużi u seminaristi tal-Parroċċa tagħna sa 12:00pm. Fil-5:00pm espozizzjoni tas-Sagrament, fis-6:00pm Quddiesa u fis-7:30pm Quddiesa ta' radd-il ħajr lil Alla għas-sena li se tintemm u wara purċissjoni bis-Sagrament mal-knisja bħala għeluq tal-Kwaranturi u Barka Sagramentali. Inħeġġukom issibu ħin u tiġu titolbu quddiem Ġesù Ewkaristija u nirringrazzjawh flimkien.

**1 ta' Jannar 2020 – Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**
Matul dil-ġurnata ejjew nilqgħu l-istedina tal-Papa u tal-Isqfijiet tagħna sabiex nitolbu għall-paċi speċjalment fil-familji u s-soċjetà tagħna. Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 8:00am, 9:15am, 11:30am u fis-6:00pm. Fil-11:00am ikun hemm quddiesa bl-Ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna.

**Id-Dar tal-Providenza**
Infakkru fil-ġabra għad-Dar tal-Providenza li ssir fl-1 ta' Jannar 2020. Tkun ħaġa sabiħa li hekk kif inkunu miġburin flimkien bħala familja f'daż-żmien tal-Milied ngħinu lid-Dar tal-Providenza. Tistgħu titfgħu id-donazzjonijiet tagħkom fil-buqar li jinsab fuq l-artal. Grazzi.

**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**
Il-Ġimgħa 3 ta' Jannar 2020 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:00pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Lill-koppji li ser jiżżewġu matul is-sena 2020**
Is-Sibt, 4 ta' Jannar 2020 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, fil-5.30pm, se ssir quddiesa għall-koppji kollha li ser jiżżewġu matul l-2020. Il-koppji jkollhom opportunità jiltaqgħu personalment mal-Arċisqof u jirċievu wkoll tifkira tal-okkażjoni.

**Is-Seminarista Jean Claude Attard**
Il-Ħadd 5 ta' Jannar 2020, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fid-9:15am, Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta ser jilqa' żewġ seminaristi bħala kandidati għas-saċerdozju, fosthom lis-Seminarista Jean Claude Attard mill-Parroċċa tagħna. Inħeġġukom sabiex nattendu u min jixtieq jiġi magħna jidħol fis-sagristija jikteb ismu biex inkunu nistgħu nordnaw it-trasport li jitlaq minn fejn is-Sala Sant'Anna fit-8:00am. Nawgurawlu u nitolbu għalih.

**Mother and Baby Club**
L-Erbgħa 8 ta’ Jannar 2020 jerġa’ jibda l-Mother and Baby Club fis-Sala Sant’Anna.

**Ejjew Għandi**
Il-Ġimgħa 17 ta’ Jannar 2020 fil-Parroċċa tagħna fis-7.30pm ser issir il-laqgħa ‘Ejjew Għandi’ mmexxija minn Fr Hayden flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani. Il-laqgħa tikkonsisti fix-xandir tal-Kelma ta’ Alla u Adorazzjoni Ewkaristika. Fl-aħħar isir talb għall-fejqan fuq min ikun jixtieq. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

**Siġra tal-Imħabba**
Infakkrukom fis-Siġra tal-Imħabba. Bil-għajnuna tagħna nkunu qed ngħinu lill-familji fil-bżonn fil-Parroċċa tagħna. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f’dan iż-żmien tal-Milied.

**Fuljett** ‘**Flimkien**’
Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta’ Jannar 2020. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.